**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar, 2020**

**Rikors nru: 146/16 AGV**

AB f'isimha proprju u f'isem bintha l-minuri CD li twieldet fil-21 ta' Awissu, 2011

Vs

ED

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi lill-partijiet twieldilhom minuri bl-isem ta’ CD li twieldet fil-21 ta’ Awissu tas-sena 2011 u dan kif jirrizulta mid-Dokument ittra “A.”

2. Illi mix-xahar ta’ Ottubru tas-sena 2015 il-konvenut beda jhallas is-somma fissa ta’ mitejn euros (€200) fix-xahar *qua* manteniment ghall-minuri C.

3. Illi l-konvenut ma kien ikkontribwixxi xejn ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri u huwa obbligat illi jhallas manteniment tal-passat.

4. Illi l-konvenut huwa obbligat li mhux biss imantni lill-imsemmija bintu minuri izda li jhallas kull manteniment minnu dovut mhux biss ghall-futur, izda mid-data tat-twelid tat-tarbija minuri u dan in linea mal-principju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta’ Dicembru, 1946 fl-ismijiet Filippu Grech vs Antonia Magri (XXXII.I.468).

5. Illi kieku ma kienx ghall-procedura tal-medjazzjoni, kieku l-konvenut ghadu sa llum jirrifjuta li jhallas ghall-manteniment ta’ bintu.

6. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghall-ftehim bonarju bejniethom u ghalhekk ir-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghal din il-kawza u dan kif jirrizulta mill-anness digriet immarkat bhala dok. B.

7. Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:_

1. Tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in linea ta’ manteniment ghat-tifla minuri CD okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi u liema somma ghandha tirrifletti dak li kien ikollu jhallas il-konvenut sallum mid-data ta’ twelid tal-minuri sad-data tas-sentenza

effettiva u ohra mensili in linea ta' manteniment futur ghall-imsemmija minuri C, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes inkluz l-ispejjes tal-procedura tal-medjazzjoni numru 1484/2015 CB 3 u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa s-segwenti:-**

1. Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tar-rikorrenti nhar it-18 ta' Lulju, 2016 u in ottemperament maz-zmien stipulat skond il-ligi qieghed jipprezenta bir-rispett l-umli risposta tieghu.

2. Illi l-intimat jikkonferma li minn relazzjoni intima li huwa u r-rikorrenti kellhom twieldet il-minuri CD nhar il-21 ta' Awwissu, 2011.

3. Illi l-anness dokument immarkat Dokument "A" huwa certifikat tat-twelid ta' FB u liema wild mhux bint l-intimat, ghalhekk certament li l-anness certifikat tat-twelid ta' FB ghandu jigi sfilzat.

4. Illi fir-rigward tat-talba attrici fejn permezz taghha r-rikorrenti qiedgha titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tillikwida retta alimentari ghall-minuri CD, l-intimat jitlob sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-mezzi tal-esponenti u l-ispejjes li l-esponent jinkorri, kif ukoll id-dhul li tippercepixxi r-rikorrenti.

5. Illi kif indikat ir-rikorrenti, l-partijiet kienu diga' ftehmu dwar l-ammont mensili li l-esponenti kellu jhallas cioe' s-somma ta' mitejn euros (€200) fix-xahar, ghaldaqstant u tenut kont li bejn il-partijiet kien hemm diga' dan il-ftehim, l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti

sabiex tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt meta tigi biex tillikwida l-ammont mensili rapprezentanti manteniment ghall-minuri CD.

6. Illi l-esponenti ma jaqbilx u jikkontesta bil-qawwa t-talba attrici ghall-hlas ta' arretrati in linea ta' manteniment ghall-minuri CD mit-twelid tal-minuri, cioe' mil-21 ta' Awissu, 2011 sa Ottubru, 2015 ghar-raguni kif ser tigi spjegata hawn taht.

7. Illi u minghajr pregudizzju ghall-kontestazzjoni da parti tal-esponenti ghal kull hlas ta' arretrati, l-esponenti jirrileva li meta twieldet il-minuri CD cioe' mill-21 ta' Awissu, 2011 ghall-perjodu ta' sentejn cirka jew aktar, il-minuri kienet tinzamm u prattikament titrabba minn omm l-esponenti, cioe' minn nanna paterna GD kull bzonn li kienet tirrikjedi tarbija, bhal trab tal-halib, nappies u kull bzonn iehor biex jinxtara u jithallas minn omm l-esponenti, fatt li ser jigi spjegat tul il-kors tas-smiegh tax-xhieda ta' dan il-kaz.

8. Illi l-esponenti kien jirrifondi lil ommu, GD l-ispejjez li kienet tinkorri.

9. Illi u minghajr pregudizzju u bla dubbju, certament li ghat-tul tal-ewwel sentejn cirka jew minn meta twieldet il-minuri kien l-esponenti li ha hsieb jixtri u jhallas ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri u ghalhekk certament li r-rikorrenti ma tistax titlob li dina l-Onorabbli Qorti tikkonsidra bhala perjodu ta' arretrati dovuti l-ewwel sentejn cirka jew aktar minn meta twieldet il-minuri CD.

10. Illi u ghal kull buon fini l-esponenti jirrileva li kienet ir-rikorrenti li tul il-procedura ta' medjazzjoni uriet ostilita' sabiex jigi finalizzat il-ftehim u mhux l-esponenti kif qiedgha tindika r-rikorrenti.

11. Illi semmai u tul il-procedura ta’ medjazzjoni, ir-rikorrenti dejjem kellha l-ghazla li tintavola r-rikors fejn permezz tieghu setghet talbet li *pendente lite* tigi ffissata somma rapprezentanti manteniment ghall-favur il-minuri CD xi haga li r-rikorrenti m’ghamlitx.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

13. L-ispejjes komprizi dawk tal-proceduri kollha nkorsi mill-intimat, inkluz spejjes marbuta mal-procedura ta’ medjazzjoni kontra r-rikorrenti minn issa ngunta in subizzjoni.

**FATTI**

1. L-attrici tghid li kienet iltaqghet mal-konvenut f’Mejju, 2010 u wara sitt xhur kienet harget tqila bit-tifla taghhom CD. Waqt l-gherusija taghhom ma kienux ighixu flimkien, pero’ kienet torqod hafna ghand il-konvenut, fost il-gimgha, kif ukoll fil-weekend, pero’ meta kienu jiggieldu kienet tmur torqod bil-mohbi lura ghand ommha u dan sakemm welldet, ghax imbaghad baqghet ghand ommha. L-gherusija kienet karatterizzata minn hafna swat, kemm waqt it-tqala kif ukoll wara, tant li hafna nies kienu warrbuha ghax kienu jibzghu minnu.

   Tispjega li l-konvenut ghandu hafna kawzi kriminali u ghad hemm minnhom pendenti u minkejja li kienet taf bihom kienet thobbu u ma tathomx daqshekk importanza.

   Kienet tahdem bhala carer sakemm kellha tlett xhur tqala, izda peress li kien hemm problema ta’ scabies fuq ix-xoghol iddecidiet li titlaq. Minkejja li l-konvenut kien wieghda li kien ser ighinha, qatt m’ghinha

finanzjarjament. Qatt ma hallas ghat-tabib u lanqas ghall-bzonnijiet tat-tarbija, tant li kemm hi kif ukoll ommha kellhom ibighu d-deheb taghhom biex ilahhqu mal-ispejjes. Ommha kienet harget tahdem biex tghinha finanzjarjament u kienet ghadha tahdem sallum. It-tifla kellha problema bil-halib tat-trab u l-uniku halib li qabel maghha kien il-halib tal-Lidl u minflok kien ihallas ghaliha l-konvenut kien ighajjarha li kienet qammiela ghax kienet tixtri mill-Lidl.

Il-konvenut ma kienx juri interess fit-tifla ghax kien ighid li mhux tieghu. Lanqas ma kien mar jaraha l-isptar minhabba l-problemi li kellha fl-istonku. Fil-fatt, it-tifla kellha xi xahar meta kienu hassru u dan peress li kien rega' sawwatha fiz-zmien ir-Regatta. Kien hemm zmien wara fejn kienet tiltaqa' mieghu bit-tarbija bil-mohbi, izda tghid li kienet tibza' minnu peress li kien aggressiv u possessiv. Madanakollu, kien ghamel erba' snin fejn abbanduna lil bintu kompletament u sahansitra ggieled m'ommu GD u telaq mid-dar taghha wara li offriet li tghinha bit-tifla u hajjritha biex tmur tahdem u fil-fatt hekk ghamilt u bdiet tahdem part-time. Tichad li omm il-konvenut kienet izommilha t-tifla mit-Tnejn sal-Gimgha, kien hemm certi hinijiet fejn kienet izommha.

L-attrici ssemmi li minhabba n-nuqqas ta' finanzji li kellha, sabet ghajnuna kemm minn ommha, kif ukoll xi kultant minn omm il-konvenut li qatt ma haditilha flus. Kienet tghinha ukoll certu HI, habiba tal-familja taghhom kemm finanzjarjament meta kienet mghaffga, kif ukoll kienet izommilha lit-tifla jekk kienet maqbuda bix-xoghol. Tikkonferma li kienet tmur tara tabib privat u dan minhabba li kellha hafna kumplikazzjonijiet bit-tqala. Kienet ukoll tircievi beneficcji socjali. Il-mizati tal-iskola tat-tifla kien ihallashom l-gharus tal-attrici.

Tametti li meta rregistrat lit-tifla c-childcare, ma kinitx nizlet l-isem u dettalji tal-konvenut peress li ma kienx jikkomunika maghha.

Mill-2013, l-attrici marret tghix ghar-rasha bil-kera u tghid li ghandha sussidju mill-Gvern. Dwar il-vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni BON 019 tghid li kienet tal-gharus taghha, izda kien irregistraha fuqha minhabba li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni.

Kien biss lejn l-ahhar tas-sajf 2015, meta bdiet bil-proceduri l-Qorti li l-konvenut beda jara ftit lit-tifla u beda jghidilha li hu missierha, ghax sa qabel kienet taf biss lil JK, il-partner tal-attrici. Kien beda jaraha u saret taf li kien gieli jehodha fil-kamra tan-nar jew jehodha f'xi kazin u jhalliha wahedha jew ma' xi wiehed minn shabu. Ghalhekk spicca li t-tifla aktar kienet tkun man-nanna paterna, ghax l-attrici ssostni li taf li bintha u nannitha ghandhom relazzjoni tajba hafna u ma kellha l-ebda intenzjoni li ccahhadha minnha. Hafna drabi l-konvenut kien jara lit-tifla hemmhekk. Di fatti tghid li llum ghandhom arrangjament bejniethom fejn it-tifla tqatta' weekend alternat man-nanna paterna u l-konvenut jara lil C hemmhekk, dejjem iwieghdha li ser johrogha u qatt ma jzomm kelmtu. Xi kultant it-tifla tigi lura tirrepetti xi kliem oxxen li jghidilha l-konvenut kontra l-attrici. Hemm drabi ukoll fejn it-tifla ma tantx tkun trid tmur ma' missierha. L-attrici tghid li l-konvenut ma kienx ihallas lil ommu u dan peress li kien telaq mid-dar.

L-ewwel darba li l-konvenut kien beda jhallas manteniment ghall-minuri kien wara li l-attrici bdiet bil-medjazzjoni f'Ottubru, 2015 u t-tifla kellha 5 snin. Ilu jhallas €200 fix-xahar minn Ottubru, 2015, izda qatt mhu puntwali bil-pagamenti, tant li jkollha tfakkru kemm il-darba.

Biex ihallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, ikollha tigri warajh u tispicca dejjem thallas ommu. L-attrici tinsisti li dan l-ammont mhux sufficjenti. Kellha ukoll loan tal-karozza.

L-attrici tispjega li f'Settembru, 2016 it-tifla kellha c-cans li tidhol f' skola tal-Knisja, pero' l-konvenut riedha twaqqaf il-kawza biex jiffirmalha u meta rrifjutat kellha ggieghlu jiffirma karta li ma kienx ser ihallas ghad-donazzjoni tal-iskola.

Tghid ukoll li l-konvenut kien uriha basket mimli flus li kienu jammontaw ghal cirka €100,000 u ghamel zmien jahdem mal-International Sales Direct u jghid li ma kienx jahdem jew li ma jaqlax hafna flus. Hu kien jaghmel hekk biex ma jaghti xejn lit-tifla.

Presentement, tghid l-attrici, li l-konvenut jahdem ma' tal-camping u ma kienx jahdem bhala parker.

L-attrici titlob li tinghata manteniment mid-data tat-twelid tal-attrici, bit-tnaqqis ta' €200 fix-xahar li tah minn Ottubru, 2015.

2. Il-konvenut jispjega li wara li twieldet it-tarbija kienu hassru. L-attrici marret tahdem kwazi immedjatament, mhajra minn ommu, li kienet anke tghinha billi zzommilha t-tarbija, anke meta kienet tahdem l-iljieli, bla hlas u interessi. Ighid li t-tifla gieli ghamlet jumejn fuq xulxin hemmhekk. Ighid li minn mindu twieldet it-tifla kien ghamel xi sitt xhur ighix ghand ommu u kien jaraha hemm. Jichad li ma kienx jara lill-minuri wara li telaq mid-dar. Ommu ukoll kienet tixtri hafna bzonnijiet ghall-minuri u jghid li kien ihallasha lura. Kien itiha bejn €75 u €100

kull gimgha u l-attrici ma kienet thallas xejn. Jichad li l-attrici ma setghetx tlahhaq bl-ispejjes, peress li kienet taqla' beneficcji socjali ta' tlett itfal (ghax presentement ghandha tarbija ohra) sostanzjali fl-ammont ta' €10, 345.03[1] u kellha l-paga. Kienet anke thallas il-playschool ghat-tifla minuri, €200 fix-xahar, izda sakemm dam ghand ommu, ighid li l-attrici ma kinitx tibghat lit-tifla minuri playschool.

Il-konvenut spjega li kien ghadu qed ihallas €300 manteniment fix-xahar, izda ammetta li kien hallas dan l-ammont darbtejn biss. Kien beda jhallas biss qabel ma bdew il-Qorti u kien ihallas €200. Qabel kien ihallas biss lil ommu talli kienet izomm lil bintu. Jametti li kellu jhallas lill-attrici €500 u kien ippropona li jhallas €50 zejda fix-xahar.

Il-konvenut jinsisti li l-attrici ma baqghetx igiblu t-tifla ghand ommu minn meta ltaqghet mal-partner prezenti taghha.

3. LB, omm l-attrici stqarret illi wara li kellha t-tarbija, l-attrici kienet baqghet tghix maghha, imma iktar fil-weekends kienet torqod hemm sakemm kienet mal-konvenut. Kien hemm zmien meta rrifjutat li l-konvenut jidhol go darha u dan peress li kien waddab il-qattus tal-attrici minn fuq ghal isfel. Il-konvenut ma baqax jigi u lanqas ma kien jara lil bintu, tant li l-minuri lanqas kienet tafu u lanqas kienet issejjahlu "daddy." Tghid ukoll li lanqas kien jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri. Kienet tghinha billi thallas lit-tabib u kienet bdiet tahdem biex setghet tghinha finanzjarjament, peress li kienet iddahhal biss il-paga tal-impjieg. Kienet tahdem bhala carer fid-dar tax-xjuh f'Sa

[1] Dan skond document mahrug mis-Sigurta' Socjali fit-2 ta' Frar, 2007.

Maison b'shift ta' tnax-il siegha mis-7.00 pm sas-7.00 am. L-attrici kellha ukoll tifla ohra F.

Huwa minnu li kien hemm drabi fejn l-attrici kienet titlobha biex issellfilha xi flus, izda qatt ma kienet titlobhomlha lura, ghalkemm l-attrici kienet tahdem u kienet anke tircievi l-beneficcji socjali, izda kellha bzonnhom ghat-tfal. L-attrici kienet imbaghad telqet minghand ommha fl-2013 u m'ghadhiex dipendenti fuqha.

Fl-ahhar ta' Settembru, 2016, il-minuri telghet bil-polza biex tibda tattendi fi skola tal-Knisja, imma l-konvenut irrifjuta li jhallas sehemhu u rrifjuta li jiffirma, sakemm l-attrici kienet disposta li tiffirma karti li hu ma kellux x'jaqsam iktar mal-ispejjes tal-kawza u spiccat offriet biex thallas nofshom hi.

4. GD, omm l-konvenut tinsisti li t-tifla kienet tkun maghha lejl u nhar. Qabel ma harget tqila, l-attrici u l-konvenut kienu jghixu maghha. L-attrici kienet tghaddi ghaliha filghaxijiet. Tichad li l-konvenut kien telaq mid-dar taghha peress li kienet qed tghin l-attrici bit-tifla minuri u hu seta' jgawdi. Tikkonferma li kienet tonfoq bejn €75 u €100 ghat-tifla u li kien ihallasha l-konvenut. F'dak iz-zmien ikkonfermat li l-konvenut ma kienx ihallas manteniment lill-attrici, izda mbaghad beda jhallas. Tichad li kienet titlob lill-attrici biex ma tiftahx proceduri kontra l-konvenut.

5. HI, habiba tal-familja tal-attrici kienet ghamlet sena toqghod m'omm l-attrici. Tghid li kienet indunat li l-attrici kienet tibza' mill-konvenut u kienet tibki hafna, ghax anke meta hassru, xorta kellu pussess fuqha. Meta l-attrici kienet bdiet tahdem, kienet izommilha t-tarbija u gieli

tatha xi flus, bejn €50 u €70 fil-gimgha u anke kienet taghmilha xi xirja ghax kienet ratha maghkusa. Tghid li f'dak iz-zmien li kienet tghix mal-attrici u ommha kienet tahdem part-time bhala carer u kienet tahdem bis-shifts. Tichad li l-attrici ma kinitx torqod id-dar t'ommha fost il-gimgha, ghax kienet tkun hemm hi u kienet tkun hemm. Kien hemm drabi fejn ma kinitx torqod jekk kellha shift ta' filghaxija u dan setghet tikkonfermah peress li kienet tghix hemm ghal xi sena u nofs.

Tikkonferma li kienet semghet lill-konvenut isawwatha, ghax kienet tkun ghandhom, Kienet anke ratilha t-tbengil u kienet tipprova tikkonvinciha titilqu. Dan kien jigri qabel u wara t-tqala, izda wara xahar li welldet kienet telqitu.

Ikkonfermat li omm l-attrici kienet isostniha finanzjarjament ukoll u kien biss meta fethet il-proceduri l-Qorti li l-konvenut beda jghaddilha l-manteniment.

Dwar il-konvenut tistqarr li ghall-bidu kien ighid li l-minuri kienet kerha u ghalhekk ma setghetx tkun bintu.

Tikkonferma li kienet tghina bit-tifla u kienu jirrangaw bejniethom hi u omm l-attrici peress li t-tnejn li huma kienu jahdmu u fejn kien difficli ghalihom biex jirrangaw kienet tghinhom omm il-konvenut. L-attrici ghamlet zmien tahdem part-time matul it-tqala, izda mbaghad waqqfghet u ghalhekk kienu jghinuha finanzjarjament u kienu jhallsulha l-vizti tat-tabib peress li kienu jahdmu.

6. MB, hu l-attrici jiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna possessiv u kiesah, izda ghall-bidu ma kienx jaf kif kien allavolja kien jqatta' hafna

hin mieghu u anke jghinu fix-xoghol. Kien dejjem ifittex il-glied u jaqbad ma’ nisa ta’ haddiehor, inkluz it-tfajla tieghu u ghalhekk illum ma jkellmux. Kien jaf li gieli kien jiehu d-droga ghax kien rah u kien konvint li kien taht l-effett tad-droga meta gie ghall-maghmudija ta’ bintu. Kien ighajjar lil bint l-attrici “handicapped” u lil bintu stess kien ighajjarha kerha. Ikkonferma ukoll li l-konvenut kien isawwat lil ohtu u kemm il-darba raha bit-tbengil. Kien anke kattiv ma’ bintu stess.

Semma ukoll li l-konvenut kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus ghal bintu, imma mbaghad kien dejjem jiffanfra u jghid kemm ghandu flus.

7. NB, hu l-attrici jghid li kien ihobb lill-konvenut aktar minn ohtu u kien jqatta’ l-hin kollu tieghu mieghu, izda dak iz-zmien kien ghad kellu 19-il sena u ghalhekk ma kienx irrealizza x’kien il-konvenut. Kien ihallslu kollox u kien ihaddmu mieghu u ghalhekk kien jarah anglu. Tant kien iffissat fuqu li kien iggieled ma’ l-attrici u m’ommu u mar ighix mal-konvenut. Imbaghad kien iggieled mal-konvenut minhabba xi xoghol li kien ghamillu u ma hallsux tieghu. Ighid li kien ihobb jaghmel il-flus, izda qatt ma kien ighin lil ohtu finanzjarjament ghat-tifla. Isemmi episodju fejn kellu tfajla u l-konvenut kien tah il-flus biex imur maghha u ma jiftahx halqu peress li kien qed johrog mal-attrici. Jikkonferma li l-konvenut kien isawwat lil-attrici u meta kien jipprova jwaqqfu kien jghamih bil-flus. Kien jaf ukoll li l-konvenut kien waqaf jara lil bintu u kien rega’ beda jaraha biss meta l-attrici kienet fethet il-proceduri l-Qorti. Finanzi ma kienx itiha u kienu jghinuha ommu u xi familjari ohra.

8. OP, kugina tal-attrici ukoll ikkonfermat li l-konvenut kien isawwat lill-attrici u li kienet sabet hafna ghajnuna minghand ommu peress li kienet regghet harget tahdem. Gieli kienet tmur mal-attrici biex tigbor lit-tifla

minuri u omm il-konvenut spiss kienet tilmenta fuq il-konvenut u kienet twissi lill-attrici biex ma thallix lit-tifla mieghu. Tikkonferma li fil-presenza taghha, omm il-konvenut kienet weghditha li se taghmel l-almu taghha biex tghinha, izda talbitha biex thalli lill-konvenut bil-kwiet u ma tiftahlux proceduri. F'dak iz-zmien il-konvenut u ommu ma kinux jitkellmu. Xehdet ukoll li l-attrici kienet issib hafna ghajnuna finanzjarja minghand ommha u zijitha, peress li l-konvenut ma kienx ighinha, Meta mbaghad l-attrici ltaqghet mal-gharus taghha, waqfet mix-xoghol u minn dakinhar omm il-konvenut ma baqghetx izzomm lit-tifla u ommu kienet accettat lill-konvenut lura d-dar, meta l-attrici fethet il-proceduri l-Qorti.

9. QR, iz-zija tal-attrici, kienet il-parrina tat-tifla C u kienet marret mal-attrici biex twelled. Il-konvenut kien mar jara lil bintu dakinhar u kien ghajjarha kerha. Peress li l-konvenut ma kienx ighinha finanzjarjament ikkonfermat li l-attrici kienet tahdem u kienu jghinuha kemm ommha, kemm omm il-konvenut ghax kienet izommilha lit-tifla u tametti li kienet tghinha hi ukoll, Tinsisti pero' li t-tifla kienet tghix m'ommha u qatt ma trabbiet minn omm il-konvenut u dan setghet tikkonfermah peress li hafna drabi kienet tmur mal-attrici biex tigborha. Il-konvenut kien imbaghad gie ordnat ihallas manteniment ghall-bintu u kien minn dakinhar li beda jara lil bintu, allavolja ma kienx ihallas il-manteniment mill-ewwel skond l-attrici.

10. Hilary Caruana, in rapprezentanza ta' Lelluxa Childcare Centre kkonfermat l-attendenza tal-minuri C fi hdan l-iskola bejn Marzu, 2014 u s-27 ta' Gunju, 2014 gurnata b'gurnata u t-total kien jammonta ghal €491.40.[2] Ma setghetx tikkonferma mnn kien jaghmel dan il-pagament,

[2] Ara HC1 – HC3 a fol. 448-451 tal-proceSS.

pero’ f’dak iz-zmien m’ghadx kien hemm is-sistema tal-free childcare, li kienet giet introdotta fl-1 ta’ April, 2014 u l-familja tkun trid tapplika ghal dan is-sussidju u semmai l-attrici kienet tkun intitolata ghal xahar sussidju. Tghid li d-dettalji li kellhom mal-applikazzjoni kienu tal-attrici. Id-dettalji li kellhom dwar il-konvenut kienu jirrizultaw mic-certifikat tat-twelid u ghalhekk ma kellhomx numri fejn setghu jikkomunikaw mieghu. Pero’ kienet il-prassi taghhom li fl-applikazzjoni ma kinitx mehtiega l-firma taz-zewg genituri. Mill-applikazzjoni rrizulta li kien hemm tlett persuni li setghu jigbru lit-tifla C, l-attrici, JK, l-gharus tal-attrici u LB. Ikkonfermat ukoll li fl-applikazzjoni ma kienx hemm indikat l-isem tal-missier u minn naha taghhom tametti li ma kinitx saret talba peress li jekk ma jirrizultalhomx li hemm problemi ma tintalabx.

11. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizultalha kont wiehed f’isem il-konvenut, savings account.[3]

12. Karen Cremona, in rapprezentanza tat-Transport Malta kkonfermat li l-konvenut ghandu zewg vetturi f’ismu li huma Ford Escort EAC 635 u Toyota Corsa HHH 444 u kellu ohra li giet *scrapped* u dina kienet vettura b’numru ta’ registrazzjoni DBB 996.[4]

Tghid ukoll li fil-passat kellu disa’ vetturi.[5]

---

[3] Ara dok.JB1 a fol. 34 tal-process.
[4] Ara doks. KC1(a) – KC 1 (e) a fol. 35-39 tal-process.
[5] Ara doks. KC 2(a) – (g) a fol. 40-49 tal-process.

13. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus esebixxa l-employment history tal-konvenut[6] kif ukoll tal-attrici.[7]

14. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. li ghamlet ricerka fuq kontijiet bankarji f'isem il-konvenut mill-1 ta' Jannar, 2011 sat-28 ta' Novembru, 2016 irrizultaw is-segwenti kontijiet:-

i) Savings account numru 054133426050 ghadu miftuh[8];
ii) Loan account numru 056114606303 ghadu miftuh[9];
iii) Savings accounts numru 056114606050 illum maghluq[10];
iv) Current account numru 039123682001 illum maghluq[11];
v) Visa classic credit card illum maghluq;
vi) Advanced credit card ghadu miftuh.

15. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta spjega li l-konvenut ghandu licenzja kategorija B ta' karozza kif ukoll B1 valida sal-21 ta' Jannar, 2002. Ighid ukoll li ma rrizultax li l-konvenut kellu licenzja ta' parker.

16. Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport Malta xehed dwar vetturi rregistrati fil-passat u fil-prezent f'isem l-attrici[12] kif ukoll vetturi registrati fuq il-konvenut kemm fil-passat kif ukoll fil-present.[13]

---

[6] Ara dok. JS a fol. 52 tal-process u Dok. JS 1 a fol 472 tal-process.
[7] Ara Dok. JS2 a fol. 475 tal-process.
[8] Ara dok. AG 1 a fol.54 tal-process.
[9] Ara Dok. AG 2 a fol. 117 tal-process.
[10] Ara dok. AG 3 a fol.124 tal-process.
[11] Ara Dok. AG 4 a fol. 149 tal-process.
[12] Ara Dok. TM 1 a fol. 480 tal-process.
[13] Ara Dok. TM 2 a fol. 488 tal-process.

17. Spettur Christabel Chetcuti esebit il-fedina penali tal-konvenut[14], kif ukoll diversi rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tieghu mis-sena 2010. Kien hemm zewg rapporti li jirrigwarda *domestic violence,* ingurji u theddid.[15] Regghet ipprezentat fedina penali aggornata[16] u pprezentat erba' rapporti tal-pulizija mill-1 ta' Jannar, 2017 sallum.[17]

18. Dr. Elizabeth Quintano in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali esebit sentenza li nghatat mill-Magistrata Dr. Consuelo Scerri Herrera fis-6 ta' Dicembru, 2004 u ma kienx hemm appell. Kien hemm sentenza ohra pendenti quddiem il-Magistrat Donatella Frendo Dimech.[18]

19. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. esebit kopji tal-istatements tal-credit cards f'isem il-konvenut[19], wiehed huwa tal-Visa card numru 4568821084173801 u l-iehor tal-Advance Visa Card numru 4035710036017031.

20. Ephrem Galea, in rapprezentanza ta' International Sales Direct xehed li bhala kumpanija kellhom relazzjoni ta' subcontracting mal-konvenut li kien jaghmlilhom xoghol ta' installazzjoni ta' pannelli, airconditioners u servizji ohra rregistrati maghhom. Bhala xoghol ta' idejh il-konvenut thallas €89, 371.17 u dan l-ammont ma kienx jinkludi xoghol ta' materjal.[20] Izid ighid ukoll li bhala kumpanija ma kinux ihallsulu l-Vat, it-taxxa u l-bolla.

---

[14] Ara Dok. CC1 a fol. 238 tal-process.
[15] Ara Doks. CC2 – CC4 a fol. 239-243 tal-process.
[16] Ara Dok. SCC1 a fol.891 tal-process.
[17] Ara Dok. SCC2-SCC 5 a fol. 393 – 404 tal-process.
[18] Ara Docs. EQ1 u EQ2 a fol. 250-257 tal-process.
[19] Ara Doks. AMB 1 u AMB 2 a fol. 261 – 299 tal-process.
[20] Ara Dok. EG a fol.

21. Joseph Chircop, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali kkonferma li l-konvenut qatt m’applika jew ircieva beneficcji socjali. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali tkellem dwar il-beneficcji socjali li kienet tircievi l-attrici bejn 2009 sa 2013, fejn ir-rata ta’ beneficcju kienet ta’ 75% tar-rata dovuta peress li kienet toqghod ma’ xi hadd. Minn 2014 bdiet tircievi r-rata dovuta ghax kienet qiedgha toqghod ghar-rasha. [21] Kienet tircievi ukoll ic-childrens allowance, maternity benefits u anke childrens supplements.[22]

22. Sister Antonia Bugeja, bhala Kap tal-iskola Teresa Nuzzio, fejn tattendi l-minuri C, tghid li t-tifla minuri mixja tajjeb l-iskola. Ikkonfermat ukoll li l-attrici dejjem hallset il-mizata u kienet attendiet ghal Parents Day, pero’ ma setghetx teskludi li kien mar il-konvenut ukoll ghax kien hemm okkazzjoni fejn issemma li kien mar. Tikkonferma li bhala skola jikkomunikaw biss mal-attrici rigward attivitajiet, ghaliex ma kellhomx dettalji li bihom setghu jikkomunikaw mal-konvenut, ghalhekk dejjem kienet l-omm li kienet tattendi ghal dawn l-attivitajiet.

## IKKUNSIDRAT

Il-kontendenti kellhom tifla C li twieldet minn relazzjoni bejniethom fil-21 ta’ Awissu, 2011. L-attrici qed titlob li l-konvenut ihallas ghall-manteniment ta’ bintu sa mill-gurnata tat-twelid taghha. Sal-2015, il-konvenut ma kienx ihallas ebda manteniment ghall-minuri. Kienet l-attrici li kienet tahdem u kienet tghinha ommha, li fil-fatt kienet harget tahdem

[21] Ara Dok. ST 1 a fol. 478 tal-process.
[22] Ara Dok. ST 2 a fol. 479 tal-process.

ukoll. Kienet tghinha ukoll habiba tal-familja taghhom, li ghamlet zmien tghix maghhom certu HI.

Sa dak iz-zmien, il-konvenut lanqas kien ihallas ghall-ispejjes medici u edukattivi tal-minuri. Fil-fatt, kienu dejjem omm l-attrici u HI li kienu jghinuha, peress li l-minuri kellha problema u kienet tehodha ghand tabib privatament. Anke l-ispejjes edukattivi ghal playschool kien ihallashom l-gharus prezenti tal-attrici.

Omm il-konvenut ukoll kienet tghin lill-attrici bil-minuri. Apparti li kienet izommha ghandha meta l-attrici u ommha kienu jkunu x-xoghol, kienet tonfoq fuq l-istess minuri u kienet tghid lill-attrici li kienet ser tigbor il-flus minghand il-konvenut, minkejja li l-attrici tissuspetta li qatt ma kien il-kaz.

Jirrizulta lil-unika darba li l-konvenut beda jhallas manteniment kien meta l-attrici bdiet il-medjazzjoni f'Ottubru, 2015. Minn dakinhar gie miftiehem li jhallas is-somma ta' €200 oltre nofs l-ispejjes edukattivi u medici, minkejja li kienet kontinwament tigri warajh biex jaghmel dan il-pagament.

Illi skond digriet tat-30 ta' Marzu, 2017, il-konvenut kien gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €300 fix-xahar b'effett mit-3 ta' Frar, 2017, liema somma kienet tinkludi ukoll l-ispejjes ordinarji edukattivi u medici. L-istess manteniment kellu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u l-ispejjes tal-attivitajiet extra-kurrikulari gew ordnati illi jinqasmu ugwalment bejn il-partiijiet.

Il-konvenut jammetti li minn dawn l-alimenti hallas biss darbtejn u ma regax hallas, b' hekk jikkorrobora l-verzjoni attrici. Dina *per se* hija prova

bizzejjed li l-konvenut ma kienx regolari u konsistenti fil-pagamenti tieghu, anke jekk jinsisti li l-attrici ma gabitx provi biex tikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti li kien hemm nuqqas ta' hlas. L-ammissjoni da parti tal-konvenut li ma kienx qed ihallas il-manteniment per se hija l-aqwa prova li l-verzjoni attrici hija l-aktar verosimili.

L-artikolu 3 tal-Kodici Civili jikkontempla l-obbligu ta' manteniment lejn il-minuri u minn din ir-realta' ma jistax jahrab il-konvenut. Il-manteniment imbaghad dejjem ghandu jigi kkalkolat skond il-mezzi tal-genitur li minnu qed jintalab il-manteniment.

L-attrici ghamlet zmien tahdem bhala carer, meta kellha lit-tarbija u kienet tahdem fuq bazi part-time casual u baqghet hekk sal-31 ta' Ottubru, 2013. Gie ppruvat li l-attrici tircievi l-beneficcji socjali u skond ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Saviour Theuma, bhala assistenza socjali tircievi €560 fix-xahar u bhala children's allowance tircievi cirka €1,150 fis-sena. Originarjament kienet tircievi 75% tar-rata peress li kien toqghod ma' haddiehor u meta telqet irceviet ir-rata kollha. Illum tghix ghar-rasha u qed thallas il-kera.

L-introjtu tal-konvenut joffri kwadru aktar vast milli dak tal-attrici. Kien jahdem bhala self-employed bhala plumber u skond l-employment history li gie esebit kien jaghmel dan ix-xoghol mis-17 ta' Jannar, 2008 sal-4 ta' Gunju, 2013. Qabel dan il-perjodu skond ma jirrizulta mill-employment history tal-konvenut kien jahdem bhala self-employed handyman. In realta' pero' l-konvenut kien ukoll jahdem ghar-rasu billi jinstalla l-air coniditioners. Fil-fatt, kien jigi mqabbad mill-kumpanija International Sales Direct, li kien iqabbdu bhala sub-contractor biex jinstalla pannelli jew air conditioners u minn dan il-klijent biss ingab provi li kien hadem

ghal cirka 15-il xahar u kien qala’ €89, 371.17. Dan juri li l-konvenut mhux irregistrat ghal dan ix-xoghol u r-realta’ li tirrizulta mill-Employment History tieghu toffri retroxena differenti li twassal ghall-iskurita’ u ghalhekk il-kredibilita’ tal-konvenut.

Dan ikompli jirrizulta mill-fondi li kellu jew ghad ghandom il-konvenut mal-banek hawn Malta. Ta’ signifikat huma l-istatements tal-HSBC bank Malta plc. Biss biss fiz-zmien li twieldet ill-minuri C huwa ddepozita s-somma ta’ €116, 425.92 [23] u sa tlett snin wara kellu introjtu ta’ €270,000.

L-attrici hija kredibbli meta tghid li l-konvenut kien heddidha li jekk se tipprocedi biex titlob il-manteniment minghandu, ma kienet se ssib xejn. Di fatti, mis-sena 2013, il-konvenut m’ghamel l-ebda depoziti fil-kontijiet bankarji tieghu, bl-unika gustifikazzjoni li llum jahdem bhala parker, pero’ fl-istess nifs ighid li huwa self-employed. Ghalhekk, zgur li l-konvenut mhux affidabbli bhala xhud u kellu skop wiehed, dak li dejjem ghamel, jiftahar li ghandu hafna flus, kif fil-fatt ikkonfermaw hut l-attrici, izda ma kienx lest li jara li bintu m’hi nieqsa minn xejn u tircievi bizzejjed alimenti, li fl-ahhar mill-ahhar huwa obbligu u dmir essenzjali tal-konvenut, jipprova kemm jipprova jizvija lil dina l-Qorti.

Il-konvenut jipprova jikkonvinci lil dina l-Qorti li, sakemm it-tifla kellha sentejn kienet tkun aktar m’ommu u kien jirrifondiha ghall-ispejjes li kienet tonfoq fuq bintu u ghaldaqstant jikkontesta li jigi ordnat ihallas ghall-manteniment sa mid-data tat-twelid tal-minuri. Il-verzjoni tal-konvenut mhix verosimili, peress kemm l-attrici, kif ukoll ommha u anke HI ilkoll ikkonfermaw li omm il-konvenut kienet tghin hafna, imma fejn l-

[23] Ara Dok. AG 1 a fol. 54 et seq.

attrici, jew ommha jew HI, sakemm damet tghix maghhom, ma setghux izommuha. Dan ifisser li mhux minnu li l-konvenut kien, minn ckunit bintu, jipprovdilha. Ommu kienet thallas l-ispejjes hi, izda r-rapport li sar fl-14 ta' Mejju, 2012 mill-attrici fejn kien sar theddid mill-konvenut li jehodilha lit-tifla minuri, huwa konferma ta' kemm it-tifla ma kinitx tghix m'ommu.

Dwar spejjes tal-edukazzjoni ordinarji u straordinarji gie enunciat minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **Joseph Sammut vs Anna Marie Sammut (235/13) deciza fit-28 ta' Novembru, 2019**
s-segwenti:-

"Fil-kawza odjerna, jirrizulta li l-punt in kontestazzjoni fuq il-manteniment hija l-interpretazzjoni ta' spejjes ta' natura ordinarja u spejjes ta' natura straordinarja, tenut kont tad-digriet tat-18 ta' Marzu, 2016. Lanqas ma tikkundanna lill-partijiet li taw il-verzjonijiet taghhom fuq dina l-interpretazzjoni ghaliex ma jezistux linji gwidi u parametri biex wiehed jista' jiddentifika wiehed mill-iehor. Dina l-Qorti gharblet sew sabiex tasal biex taghti definizzjoni li biha tistabbilixxi l-gwidi ta' dak li jirrapprezentaw spejjes ordinarji u dawk straordinarji. Wasslet biex tenuncja s-segwenti:-

***"In generale, le "spese ordinarie" sono quelle destinate a soddisfare i bisogni quotidiani del minore, mentre, quelle "straordinarie," sono costituite dagli "esborsi necessari a far fronte ad eventi imprevedibili o addiritura eccezzionali, ad esigenze non rientranti nelle normali consuetudini di vita dei figli minori fino a quel momento, o comunque spese non quantificabili e determinabili in***

***anticipo o di non lieve entita' rispetto alla situazione economica dei genitori."*** [24]

***"Per la prevalente giurisprudenza, di legittimita' e di merito, vengono quindi considerate ordinarie quelle spese destinate a soddisfare i bisogni e le normali esigenza di vita quotidiana della prole, rientrati nell'assegno erogato per il mantenimento (ad esempio, l'acquisto dei libri scolastici o dei medicinali da banco, le visite di controllo routinarie, l'abbligliamento, ecc.)***

***Sono ritenuti, invece, straordinari, tutti gli esborsi necessari a far fronte ad eventi imprevedibli o addiritura eccezionali, ad esigenze non rientranti nelle normali consuetudini di vita dei figli o comunque non ricorrenti, non quantificabili e determinabili in anticipo, ovvero di apprezzabile importo rispetto al tenore di vita della famiglia e alle capacita' economiche dei genitori (ad es. interventi chirurgici o fisioterapia; spese per occhiali da vista, lezioni private, patente di guida, acquisto di un motorino, ecc)."*** [25]

Fil-gurisprudenza Taljana id-diversi Tribunali, flimkien mal-esperti legali waslu sabiex iddentifikaw diversi spejjes **ordinarji** u **straordinarji** sabiex iservu bhala gwida u jevitaw dizgwid bejn il-partijiet. S'intendi dawn il-gwidi qatt m'huma ser ikunu "exhaustive," pero' l-gurisprudenza rnexxielha tiddetermina linja ta' gwidi omogenji ta' x'jammonta ghall-ispejjes ordinarji u straordinarji li huma ddentifikati bhala s-segwenti u din il-Qorti se taddotahom u taghmilhom taghha:-

[24] Diritto.it Cass civ. N. 7672, del 19 luglio; Cass civ. N. 6201, del 13 marzo, 2009; cass civ, n. 23411.
[25] Diritto.it

a) **“spese relative alla salute”**[26] u cioe’ spejjes relatati mas-sahha tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji dawn jikkonsistu fil-vizti li jsiru abitwalment ghand tabib jew pedjatra, inkluz l-injezzjonijiet (vaccinations) mehtiega skond il-ligi, kif ukoll ix-xiri ta’ medicini ta’ uzu komun. L-ispejjes straordinarji jikkonsistu fil-kura li ssir ghand dentista, ghand psikjatra jew counsellor, ghand l-okkulista, ghand il-fisjoterapista jew ix-xiri ta’ nuccali jew *contact lenses* jew “brace” ghas-snien fost ohrajn.

b) “**Spese relative all’istruzione”**[27] – u cioe’ spejjes relatati mal-edukazzjoni tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji jinkwadraw il-kotba tal-iskola, stationery u photocopies, spejjes relatati mal-attivitajiet skolastici, inkluz l-Muzew u spejjes relatati mal-uniformijiet. Bhala spejjes straordinarji jidhru l-private lessons, studju barra minn Malta inkluz l-Universita’, repeaters, attendenza f’istituzzjonijiet privati jew attendenza ta’ korsijiet specjalizzati kif ukoll attendenza relatata ma’ summer school u spejjes relatati mal-istess.

c) “**Spese extrascolastiche”** [28] - u cioe’ spejjes extra-kurrikulari relatati mal-attivitajiet sportivi li jattendu l-minuri, jew attivitajiet kulturali bhal ballet u gymnastics jirrapprezentaw spejjes ordinarji.

[26] Diritto.it – www.diritto.it
[27] Diritto.it – www.diritto.it

[28]Diritto.it – www.diritto.it

L-ispejjes straordinarji jinkludu fost ohrajn l-akkwist ta' kompjuter, is-servizi ta' babysitter, hrug ta' passaporti, spejjes relatati mal-Precett u Grizma.

S'intendi diversi minn dawn l-ispejjes ma jirrikjedux il-kunsens ta' xulxin, pero' hemm spejjes ohra li ghandhom bzonn kunsens reciproku. F'dan il-kaz, il-parti m'ghandhiex tichad il-kunsens kapriccosament u dejjem ghandha thares l-interessi tal-minuri u fl-istess waqt il-parti l-ohra ghandha dejjem thares li l-istess spiza hija wahda ragjonevoli u mhux ezorbitanti u tinkwadra fil-mezzi tal-parti l-ohra."

L-attrici qed titlob ukoll il-hlas ta' manteniment sa mid-data tat-twelid tal-minuri. Il-konvenut jikkontendi li din it-talba m'ghandhiex tigi akkolta u dan peress li ghal ewwel sentejn minn meta twieldet it-tifla kienet tghix dejjem m'ommu u hu kien ihallas lil ommu tal-ispejjes li kienet tonfoq fuq bintu. Dawn il-fatti huma kkontestati mill-attrici li pproduciet diversi provi fejn uriet li omm il-konvenut kienet tghinha hafna kull meta kellha bzonn u kienet thallsilha diversi bzonnijiet ukoll, pero' l-Qorti thoss li l-verzjoni taghha, li omm il-konvenut kienet titlobha biex ma ddahhalx lil binha l-Qorti, hija wahda verosimili u giet ikkorroborata minn diversi xhieda.

Dina l-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-pretensjoni attrici u dan peress l-obbligu tal-genitur li jmantni lil uliedu jiskatta l-minuta li l-wild jitwieled. Hija mbaghad kwistjoni differenti jekk tigix ffissata somma bi ftehim bejn il-partjiet jew in segwitu ghall-medjazzjoni jew digriet minn dina l-Onorabbli Qorti. Il-principju tal-ligi huwa li minuri ghandu dritt li jigu mantnut sakemm ikun f'posizzjoni li jmantni lilu nniffsu,

dejjem skond il-mezzi tal-genitur li jkun se jhallas dawn l-alimenti. Il-mezzi tal-konvenut mhumiex mizerji affattu u anke jekk illum jirrizulta li qed jahdem ta' parker jametti ukoll li kien qed jahdem bhala *self-employed*, kif kien jaghmel qabel u fejn l-introjtu tieghu kien konsiderevoli.

Ghalhekk huwa fatt stabbilit li l-konvenut beda jhallas il-manteniment biss wara li l-attrici fethet il-proceduri ta' medjazzjoni. Jigifieri bejn is-sena 2011 sas-sena 2014 ma kienx hemm hlas ta' manteniment u l-attrici tikkalkola li l-hlasijiet kellhom ikunu in linea mad-digriet tat-30 ta' Marzu, 2018 u cioe' €300 kull xahar fuq bazi ta' 49-il xahar, li jwasslu ghall-ammont ta' €14, 825.72. Dwar il-perjodu tas-snin 2015 sal-2017, l-attrici ma kinitx qed tinsisti fuqhom peress li l-konvenut kien ihallas €200 kull xahar, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Jifdal biex jigi kkalkolat ukoll l-gholi tal-hajja li ma kienx gie kkalkolat mill-konvenut u l-attrici, kif issottomettiet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha waslet biex tikkalkola li l-gholi tal-hajja mis-sena 2017 sallum iwassal ghal total ta' €125.72.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €14, 825.72 in rapprezentanza ta' manteniment bl-arretrati mid-data tat-twelid tal-minuri u cioe' mill-21 ta' Awissu, 2011 sat-30 ta' Settembru, 2015 flimkien mal-imghaxijiet legali u tordna li mil-lum 'l quddiem il-konvenut ihallas is-somma ta' €400 fix-xahar, inkluz l-ispejjes ordinarji tal-edukazzjoni u sahha, li ghandu jizdied skond l-

gholi tal-hajja, filwaqt li l-ispejjes ta' natura straordinarja ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

L-ispejjes inkluz l-ispejjes tal-procedura tal-medjazzjoni numru 1484/2015 CB 3 ghandhom jigi ssopportati mill-konvenut.

**Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**